MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2011

Numru. 732/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Robert Vella]**
**[Spettur Elton Taliana]**

**vs**

**Stephen Borg**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Stephen Borg detentur tal-karta tal-identita` numru 155778(M).

Akkuzat talli nhar is-16 ta' Gunju 2011 ghall-habta tas-siegha u kwart ta' filghodu gewwa Hal-Qormi:
1. Ikkommetta serq ta' gizirina tad-deheb ghad-dannu ta' Chantelle Mallia liema serq huwa kkwalifikat bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu

(€2329.40), **u dan bi ksur tal-Artikoli 261(c) u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghal Chantelle Mallia u kkagunalha feriti ta' natura hafifa hekk kif certifikat minn Dr. A. Camilleri Bonello tac-Centru tas-sahha tal-Mosta **u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel lil Chantelle Mallia ingurji jew theddid bil-mewt mhux imsemmi banda ohra f'dan il-Kodici jew jekk kien ipprovokat ingurja b'mod li hareg b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni **u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(e).**

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni jew il-kwiet Pubbliku **u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd).**

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dr. M. Hayman LL.D) b'digriet datat 07 ta' Lulju 2009 li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet fosthom li jirrinkaza ruhu kuljum bejn l-ghaxra (10) ta' filghaxija u t-tmienja (8) ta' filghodu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmi reat, tirrevoka 'contrario imperio' d-digiret tal-helsien mill-arrest u tordna r-rearrest tal-imsemmi Stephen Borg. Kif ukoll tordna li s-somma ta' 3,000 Euro bhala depozitu u s-somma ta' 30,000 Euro bhala granzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f'kaz ta' htija tqis lil-imputat bhala li sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Fl-ahharnett giet mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna offiza u cioe` Chantelle Mallia jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna msemmija minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skont l-Artikolu 412C tal-Kap. 9, u f'kaz ta' htija, giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna offiza u l-familja taghha, ai termini tal-Artikoli 383, 384 u 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti pprezentati, inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex l-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet il-provi; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(d), 261(c), 267, 221(1), 339(i)(e) u 338(dd) tal-Kodici Kriminali.
Stante ammissjoni mill-akkuzat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qeghda ssib lill-imputat Stephen Borg hati tal-ewwel, ir-raba' u l-hames akkuza stante illi l-parte civile Chantelle Mallia rrinunzjat ghall-proceduri fil-konfront tieghu, li ddikjarat illi l-istess imputat irritorna l-gizirana mertu tal-ewwel akkuza u ghall-ewwel u ghar-raba' akkuzi tikkundannah priguneriјa ta' xahar (1), hekk ridotta permezz tal-Artikolu 337(2)(b)(i) u ghall-hames akkuza qeghda tikkundannah multa ta' hames mitt Ewro (€500) a bazi tal-Artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali, filwaqt li tilliberah mit-tieni u t-tielet akkuza stante rinunzja tal-proceduri mill-parte civile.

Inoltre, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, mhux ser timponi aktar sanzjonijiet fuq l-imputat li johorgu taht l-Artikolu 579 tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------